BIRKIRKARA

Minuti tal-Wieħed u Erbgħin laqgħa tas-Seba' Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 3 ta' Novembru 2015 fis-6.00pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Is-Sindku** | Is-Sinjura Joanne Debono Grech |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Rita Borg<br>Is-Sur Michael Fenech Adami<br>Is-Sur Kaylocke Buhagiar<br>Is-Sur Liam Gauci<br>Dr. Josianne Cardona Gatt (Assenti)<br>Is-Sur Mark George Abdilla<br>Is-Sur Anthony Buttigieg<br>Is-Sur John Mary Calleja<br>Is-Sur Herbert Conti<br>Is-Sur John Mizzi<br>Is-Sinjura Marie Claire Zammit<br>Is-Sur John Borg (Assenti skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Tas-Swatar** | Is-Sur Matthew Mangion (Assenti skużat) |
| ***Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-Lys** | Dott. Francesca Zarb(Assenti) |

**L-Uffiċċjal:**

**Segretarju Eżekuttiv** Is-Sur Neil Spiteri

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Michael Fenech Adami, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sinjura Marie Claire Zammit, is-Sur John Mizzi, is-Sur Mark Abdilla u s-Sur Keylocke Buhagiar. Is-Sur John Borg kien assenti skużat u s-Sinjura Josianne Cardona Gatt assenti.

Minn naħa tal-Kumitati Amministrattivi, is-Sur Matthew Mangion tas-Swatar kien assenti skużat waqt li Dott. Francesca Zarb min-naħa tal-Kumitat Amministrattiv ta' Fleur De Lys kienet assenti.

Preżenti mill-bidu tal-laqgħa kien hemm is-Sur Ray Pellicano, *Quantity Surveying Services* tal-Kunsill u rappreżentanti tal-kuntrattur *Northern Cleaning.*

Għal din il-laqgħa ma kienx hemm il-preżenza tal-pubbliku. Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku, s-Sinjura Joanne Debono Grech.

1. **Talba**

   Is- Sindku fethet il-laqgha b'talba lil Santa Liena.

2. **Il-ftehim mal-kuntrattur tal-ġbir ta' skart NORTHERN CLEANING**

2.1 Is- Sindku fethet il-laqgħa billi qalet illi instabu invoices ta' Northern Cleaning bi ħlasijiet ta' aktar minn 4000euro kull xahar extra u xtaqet tkun taf jekk fil-passat kienx hemm xi ftehim bejn il-kunsill u l-kuntrattur.

2.2 Is-Sur Ray Pellicano osserva li qed immorru lura għal *invoices* mis-sena 2011 sa l-2015. Hu spjega kif il-kuntratt kien ikopri l-ġbir tal-borża s-sewda, kirja u tbattil ta' l-iskips b'offerta minn naħa tal-kuntrattur li ma jżommx kera jew prezz għat-tbattil ta' l-ewwel 40 skip. Mill-2011 sa llum baqa' l- istess prezz li kien ikopri il-ġbir tal-borza s-sewda, l-aġġustament tal-fuel u 2 items oħra li konna qed niġu invoiced għalihom. Għall-ewwel kien maħsub li dawn iż-żewġ items kienu parti mis-servizz tal-ġbir tal-boroz *extra* imma mbagħad sar magħruf li kien hemm xi ħlasijiet fuq skips. Fuq l-ewwel item jiġifieri l-ġabra addizzjonali ta' skips kuljum apparti l-ħadd kien hemm somma kostanti ta' 155euro kuljum.

2.3 Is-Sur Ray Pellicano qal li saret laqgħa li fiha kien hemm is-Ray Pellicano, is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech u s-Segretarju Eżekuttiv preżenti s-Sur Neil Spiteri u ħarġet domanda għala saret variation mis-Sindku ta' qabel u l-oħra għaliex kienet miftehma somma skond il kuntrattur. Il-kuntrattur gie mitlub jgħid għandux xi talba bil-miktub dwar dawn il-ftehim u qal li ma kellux. Il-Kunsill irid jara kif ħarġet din il-varjazzjoni u kif il-prezz ġie iffissat.

2.4 Il-Kunsillier is- Sur Michael Fenech Adami qal li din il-kwistjoni ġa kienet iċċarata mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Arthur Pizzuto f'Awissu li għadda billi ċempel lis-Sur Chrisl-accountant u lill-Kuntrattur u dan ta' l-aħħar spjegalhom ix-xogħol extra. Is-Sur Michael Fenech Adami semma li l-*invoices* huma kollha maħrugin fuq nhar ta Tnejn ħlief waħda tal-Festa. Hu qal li kien hemm problema meta il-Ħadd ma kienux qed jitbattlu l iskips fil-bring-in sites u kienu qed jigu in-nies minn barra ir-raħal u jbattlu hemm. Il-Kunsill kien qed iħallas żejjed ta' kull nhar ta' tnejn bir-rata extra, skond tender, up to 40 skips b'xejn, €2 extra għal kull extra bin on wheels, anke f'okkażżjonijiet bħal meta intrebaħ xi League minn Birkirkara, festa u oħrajn. Dan baqa' jgħodd għat-tieni, tielet u r-raba' sena, wara l-2011. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal ukoll illi fl-2012 żdiedu numru ta' skips 2, anke 3 fuq il-by pass u l-kunsill talab li jitbattlu kuljum filghaxija.

2.5 Is-Sur Ray Pellicano semma li fit-2011 kien hemm rata ta' tbattil extra nhar ta tnejn għas-somma ta €155 kuljum u fis-snin ta' wara żdied il-ġbir iżda mhux il-prezz. Hu refera għal invoice arbitrarja ta' Jannar 2014

2.6 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami wieġeb li wiehed irid jara żdidux jew naqsux l-iskips għax dik ir-rata per skip kienet.

2.7 Is-Sur Ray Pelicano qal li meta tkellem mal-kuntrattur, hu kien qal li l-ftehim kien fuq *lump* sum u mhux *per skip*.

2.8 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami baqa jsostni li jekk wieħed jagħmel division, wieħed jasal waħdu li skond kemm hemm skips hija ir-rata li ġiet imħallsa. Tinħadem €155 division by 40 u tneħhi il VAT u l-Management Fee.

2.9 Is-Sur Ray Pelicano rimarka li dik is-somma kienet bla VAT u meta is-Sur Michael Fenech Adami reġa` ħadimha mingħajr VAT u naqqas il- 5% Management Fee, kien hemm qbil bejnu u s-Sur Pelicano li is-somma kienet taqbel.

2.10 Izda s-Sur Ray Pelicano sostna li id-domanda ma kienetx dik, iżda jekk kienx hemm ftehim fuq lump sum per day jew month.

2.11 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li sa fejn jiftakar hu, ma kienx hemm ftehim simili iżda reġa sostna li ir-rata hija per kemm kien hemm skips u dan jikkonfermah il-contracts manager tal-passat is-Raphael Carabott li kien imur idurhom.

2.12 Hawnhekk qamet diskussjoni dwar kemm kien hemm skips f'Birkirkara. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal qabel il-laqgħa kien talab il-lista ta' l-iskips lis-Segretarju Eżekuttiv u fil-lista li ngħata kien hemm imnizzel 21point, iżda ma kienx ifisser li hemm biss skip waħda f'kull point, iżda is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grewch sostniet li ma' kull point hemm skip waħda u f'xi postijiet neħħiet skips ukoll.

2.13 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet spjegazzjoni ta' meta kien hemm s-Segretarju Eżekuttiv is-Sur Arthur Pizzuto li kellu jitlob lill-accountant hux qed jitħallsu flus għalxejn. Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami weġibha li Arthur kien kiteb lil Northern Cleaning dwar dan.

2.14 Is-Sur Ray Pelicano staqsa lill-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami li l-base rate ta €2 per skip, times 40 tiġi għal €80 u mhux €155 kif qal hu. Ma kienx hemm qbil bejn is-Sur Ray Pelicano u s-Sur Michael Fenech Adami fuq din is-somma, iżda is-Sur Ray Pelicano ried ikun jaf kif is-somma baqgħet l-istess mil-2011, meta żied il- gbir.

2.15 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech staqsiet lis-Sur Ray Pelicano jekk il-ħlas extra kienx within the law għax hi kienet waqfitu s-servizz extra.

2.16 l-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jafx għaliex se jibqgħu dawn id-dubji, meta s-Segretarju Eżekuttiv preċedenti s-Sur Arthur Pizzuto kien ġa kjarifika ma' Chris l-accountant, u Chris ma wegibx għax bħala accountant fehema. Hu staqsa għaliex lilu bħala ex-Sindku ħadd ma staqsih u tlaqqgħet laqgħa b'urġenza, u is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech weġbitu li ma kienx hemm bżonn li jistaqsu lilu.

2.17 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech reġgħet staqsiet jekk skond it-Tender, l-extras kienux *within the law* għax il-varjanza kienet kbira ħafna u s- Sur Ray Pelicano ikkonferma. Iżda s-Sur Pelicano reġa saqsa għaliex ir-rata baqgħet l-istess, anke meta naqas jew żdied il-ġbir. Jekk kien hemm ftehim, kien verbali biss jew sar bil- miktub? Il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma jiftakarx.

2.18 Il-Kunsillier is-Sur Liam Gauci saqsa għaliex il-kuntrattur baqa' jżomm dejjem 155eur kuljum. Jekk l-iskips żdiedu jew naqsu, għaliex il-figura ma żdiditx jew ma naqsitx ukoll?

2.19 Il-Kunsillier is-Sur George Abdilla staqsa jekk għal-argument insibu li veru kien hemm ftehim, jekk dan hux kontra l-liġi li jsir jew le. Is-Sur Ray Pellicano wieġeb li sakemm ir-rata toħroġ a bażi ta' x'hemm fit-*tender* ma hemm xejn ħażin. Iżda li ma hemmx fl-ebda *invoice* hija informazzjoni dwar meta kien hemm iktar skips minn 40.

2.20 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li l-Awditur staqsa lis-Segretarju preċedenti s- Sur Arthur Pizzuto għaliex dan il-kuntratt skada u baqa' jiġġedded sena wara sena. Hu qal li l- Awditur qatt ma staqsa fuq dawn l- affarijiet għax skond l-istess kunsillier jafu li l-extras kienu skond it-tender.

2.21 F'dan il-mument is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lir-rappreżentanti tal-kuntratturi biex iħalli s-sezzjoni riservata għall-pubbliku u jersqu fuq il-mejda tal-Kunsill.

2.21 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa lil kuntratturi jekk kienetx vera mitluba mill-Kunsill is-servizz addizzjonali. Hu rrefera għal invoice tal-31 ta' Lulju 2012 u li fiha hemm rata ta' €155 u oħra ta' servizz addizzjonali ta' €130. Staqsa x'inhuma dawn ir- rati?

2.22 Il-kuntrattur spjega li l-prezz baqa' l-istess għax kemm -il darba il-Kunsill talab jgħidlu biex ineħħi jew iżid l-iskips u dan baqa' jsir sa ma ġie ordnat li jieqaf mis-Sindku Joanne Debono Grech. Il-kuntrattur qal li t-Tlieta u l-Ħamis ma kienx hemm dawriet ta' l-iskips u is-Sindku qalet li kuljum hemm imniżżel.

2.23 Is-Sur Ray Pelicano semma li ġa kienet saret laqgħa ma' Karen li tieħu ħsieb l-*accounts* tal-kuntrattur u din qalet li dawn l-invoices ġew maħduma skond il-ftehim li kien sar mas-Sindku ta qabel is-Sur Michael Fenech Adami li min-naħa tiegħu reġa' qal li ma jiftakarx bil- ftehim.

2.24 Qam dibattitu bejn is-Segretarju Eżekuttiv u l-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami għax is Segretarju Eżekuttiv, fuq talba tiegħu, kien bgħatlu d-dokumenti dwar dan il-każ u bi żball kien bagħtlu id-dokument oriġinali li ma kellux joħrog mill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan id-dokument ma kienx l-oriġinali iżda kopja bil-kulur, iżda l-Kunsillier Michael Fenech Adami qal li kien qed iħossu li kien dokument oriġinali.

2.15 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li billi ma hemm xejn bil-miktub talbet li l-kuntrattur jikteb ittra li kien sar fthim mas-Sindku preċedenti u dan jiffirmaha bħala konferma. Hi sostniet il-punt li mhux ser tieħu ħtija hi ta' ftehim li sar mis-Sindku ta' qabel. Hi trid il-ftehim bil- miktub'. Hi staqsiet għaliex fi żmienha, il-kuntrattur ma naqqasx il-prezz, meta hi ċerta li ma hemmx aktar minn 40 skips f'Birkirkara, u l-kuntrattur qal li dawn naqsu u mhux żdiedu maż-żmien. Fix- xhur li għaddew, is-Sindku kienet ċerta li naqqset l-iskips għax in-niex ma rieduhomx, u allura għaliex bqajna nħallsu bl-istess rata?

2.16 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li skond il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami, l-awditur qatt ma saqsa fuq il-varjanza imma staqsa biss ir-raġuni għaliex it-tender baqa' skadut. Madankollu s-Segretarju Eżekuttiv kkwota mill-minuti tal-laqgħa numru 37 fejn semma li l-accountant kien qal li saret talba ta' kjarifika fuq dan is-servizz addizzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fl-istess minuta huwa kien ġie mitlub jinvestiga dan il-każ.

2.17 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech talbet lill-kunsillier Michael Fenech Adami biex hu jammetti li t-Tender kien għadu ma ħarigx għax hu bħala Sindku ħalla ammont dovut kbir ta' flus lill-kuntrattur.

2.18 Il-Kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami qal li ma kellux diffikulta' jiffirma l-agreement flimkien mal-kuntrattur u hu qal li jieħu din ir-responsabilta` għax il-Kunsill dejjem approva il-lista tal-pagamenti.

2.19 Is-Segretarju wieġeb li fittex fil-minuti kollha mill-2011 sa issa u ma sab imkien din l-approvazzjoni tal-varjanza miktuba u ffirmata, u stieden li jekk irid il-kunsillier is-Sur Michael Fenech Adami jiġi fl-uffiċċju u jiċċekkjawhom flimkien. Bħala firmatorju tal-kunsill is-Segretarju Eżekuttiv qal li mingħajr dokumenti ma jiffirmax ċekkijiet.

3 **Kwotazzjoni BLCQ8-2015 Land Survey Ta' Paris**

Is- Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ħabbret li l-kwotazzjoni fuq il-*Land Survey* f'Ta' Paris twaqqfet u x-xogħol se jsir mill-Perit. Għaldaqstant din il-kwotazzjoni twaqqgħet kompletament u mhux se tkun aġġudikata. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

4 **Għeluq**

Il- laqgħa intemmet fis-7 ta' fil-għaxija.

Joanne Debono Grech
Sindku

Neil Spiteri
Segretarju Eżekuttiv

Segwi l-laqgħat live fuq
***http://birkirkaralocalcouncil.com/live-streaming/***